# L-Assessjar Edukattiv

Leonard Grech

# L-Assessjar Edukattiv

**minn**

**Leonard Grech**

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukatttiv
Dipartiment tal-Kurrikulu
Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

Malta

2007

Il-jeddijiet kollha miżmuma mit-Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

L-ewwel edizzjoni – 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv
Dipartiment tal-Kurrikulu
Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni
Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol

RINGRAZZJAMENTI

Grazzi minn qalbi lis-sinjuri Nicholas Bezzina, Mariosa Camilleri u Mary Grech tal-pariri li tawni waqt ix-xogħol fuq dan il-ktejjeb.

# WERREJ

| | |
|---|---|
| | paġna |
| Messaġġi | 4 |
| Introduzzjoni | 7 |
| **L-ewwel parti** | |
| (1) X'inhu 'assessjar'? | 10 |
| (2) X'inhu l-assessjar edukattiv? | 11 |
| (3) Assessjar summattiv | 12 |
| (4) Użu ta' assessjar summattiv | 13 |
| (5) Assessjar ipsattiv | 14 |
| (6) Assessjar formattiv | 15 |
| (7) Użu formattiv ta' assessjar summattiv | 16 |
| (8) Sehem l-istudenti fl-assessjar formattiv | 17 |
| (9) L-assessjar formattiv u l-motivazzjoni | 18 |
| (10) L-assessjar formattiv u l-kisba tal-ħiliet | 19 |
| **It-tieni parti** | |
| Ingredjenti ta' l-assessjar formattiv | 20 |
| Konklużjoni | 25 |

**MESSAĠĠ**

L-Edukatur dejjem jistaqsi lilu nnifsu kif jista' jgħallem aħjar. Ma jieqaf qatt ifittex metodi ġodda jew jaddatta dawk digà magħrufa fl-isforz biex ifiehem aħjar dak li jixtieq jgħallem, għax l-iskop ewlieni tal-professjoni tiegħu fl-aħħar mill-aħħar hu li jgħallem. L-edukatur dejjem iżomm quddiem għajnejh l-udjenza tiegħu. Irid ikun żgur li t-tagħlim li jixtieq jgħaddi jkun mifhum minn kulħadd l-istess. Il-kelma għandha ħabta tingħad mod u tiftiehem mod ieħor. It-tagħlim iseħħ tassew meta l-messaġġ li jrid jgħaddi l-edukatur jiftiehem kemm jista' jkun fit-totalità tiegħu.

Ikollu kemm ikollu esperjenza, l-edukatur għandu jassessja dak li għallem biex jivverifika x'fehem u x'ma fehemx l-istudent. Waqt li jkun qed jgħallem, hemm metodi differenti biex iwassal l-għerf li jrid jgħaddi. Dawn jiddependu fost oħrajn fuq l-età ta' l-istudent u l-livell ta' taghlim li jkun qed isir. Hekk ukoll l-assessjar.

Dan il-ktieb huwa fih innifsu strument li qed ifiehem b'mod ċar u ħafna drabi viżiv ukoll, it-tipi differenti ta' assessjar. Jista' jkun li fil-bidu wieħed jittanta jaħseb li dak li qed jgħid nafuh, ma hu xejn ġdid għax smajnieh digà. Iżda waqt li taqra tibda tirrealizza b'liema semplicità qed jiġu spjegati kunċetti li mhux kulħadd għadu fehem. L-istħarriġ jurina li dawn il-kunċetti għadhom ma ġewx addottati fl-iskejjel kollha tagħna, u fejn insibuhom jista' jkun hemm ġenituri li għadhom ma fehmux biżżejjed li jeżisti aktar minn tip wieħed ta' assessjar.

M'hemmx dubju li dan il-ktieb għandu post fl-isfera edukattiva lokali. L-għan aħħari tiegħu hu li jgħallem u li jagħti spinta 'l quddiem lill-kwalità tat-tagħlim fl-iskejjel tagħna.

Dr. Cecilia Borg
Direttur Ġenerali

# MESSAĠĠ

Dan il-ktejjeb huwa mmirat għal kull min għandu l-edukazzjoni għal qalbu. Huwa ktejjeb li jagħti tifsira ċara ta' l-assessjar edukattiv.

Illum, wieħed huwa konxju mill-fatt li l-assessjar mhux biss huwa summattiv, ċoé li jagħti stampa ċara ta' fejn wasal l-istudent meta joqgħod għal eżami, iżda huwa wkoll formattiv.

L-assessjar formattiv hu dak l-assessjar li l-għalliema u l-edukaturi tagħna dejjem taw, mingħajr forsi ma kienu konxji tal-fatt li jissejjaħ 'assessjar formattiv'. Meta l-għalliema jindikaw lill-istudenti fejn ma jkunux sejrin tajjeb, wieħed jista' jgħid li l-assessjar ikun formattiv. Naturalment l-assessjar formattiv imur iktar lil hemm minn din it-tifsira.

Hemm bżonn li l-għalliema konxjament ifasslu lezzjonijiet bil-għan li l-istudenti jsiru aktar responsabbli mit-tagħlim tagħhom stess, li jgħinu lill-istudent ifassal il-*learning outcomes*, ħalli l-istudent jakkwista l-ħiliet neċessarji. Dan huwa aspett ewlieni ta' l-assessjar formattiv.

L-assessjar formattiv huwa għodda li jgħin lill-istudent jakkwista l-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji biex ikun jista' jitgħallem aħjar u biex jirnexxi f'dinja aktar u aktar kompetittiva.

Għalhekk ukoll l-importanza u l-ħtieġa li niffukaw fuq id-deskrizzjoni tal-livelli – *Level Descriptors* – biex student ikun mogħti tassew il-ħiliet neċessarji biex ikun jista' jitgħallem aħjar u b'hekk isir aktar u aktar kompetenti.

Persważ li dan il-ktejjeb se jgħin biex kulħadd jakkwista tifsira wiesgħa tat-tip ta' assessjar li huwa tant meħtieġ għall-istudenti tagħna.

Raymond J. Camilleri
Direttur tal-Kurrikulu

# MESSAĠĠ

Fil-klassi l-għalliem irid jagħmel bosta deċiżjonijiet. Fosthom irid jiddeċiedi fuq x'se jgħallem, fuq kif se jgħallem dak li jrid li t-tfal jitgħallmu u fuq kif se jkun jaf fl-aħħar mill-aħħar x'tgħallmu t-tfal. Dawn id-deċiżjonijiet li jrid jagħmel kollha jiddependu mill-informazzjoni li jrid jiġbor minn forom differenti ta' assessjar.

Wieħed ma jridx jiżbalja billi jaħseb li din l-informazzjoni tinġabar biss minn sensiela ta' testijiet u eżamijiet. Lanqas ma wieħed għandu jaħseb illi l-assessjar huwa proċess mifrud mit-tagħlim. Għall-kuntrarju, l-assessjar jinvolvi ġbir kontinwu ta' informazzjoni, liema informazzjoni għandha tiġi użata biex tħalli effett pożittiv mhux biss fuq il-mod ta' kif għandu jgħallem l-għalliem imma wkoll fuq il-mod kif qegħdin jitgħallmu t-tfal. Huwa minħabba f'hekk illi, fejn jidħol l-assessjar edukattiv, wieħed ma jistax ma jikkombinax l-assessjar formattiv ma' l-assessjar summattiv, għaliex dawn iż-żewġ forom ta' assessjar jikkumplimentaw ħafna lil xulxin.

F'dan il-ktejjeb, intenzjonat għall-għalliema kif ukoll għall-ġenituri, l-awtur jiffoka l-aktar fuq l-aspett formattiv ta' l-assessjar. L-għan ewlieni tal-ktejjeb hu li jiċċara f'moħħ il-qarrejja x'inhuma l-karatteristiċi ta' assessjar formattiv u kif dawn jgħinu biex il-kwalità tat-tagħlim titjieb sostanzjalment.

Inħeġġeġ lill-għalliema, u possibilment anke lill-ġenituri, biex l-ideat li jidhru f'dan il-ktejjeb jiġu mħaddma mat-tfal. Il-ġid li joħroġ mill-użu tajjeb ta' l-assessjar formattiv iwassal biex it-tfal jitgħallmu aktar. It-tfal isiru aktar għatxana għat-tagħlim u jibdew jaraw aktar sens f'dak li qed jitgħallmu. Jgħin anke lit-tfal jiksbu riżultati aħjar fl-eżamijiet.

Fejn jidħol l-assessjar edukattiv, l-assessjar formattiv huwa l-proċess li jagħmel id-differenza. It-Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv fid-Dipartiment tal-Kurrikulu temmen ħafna f'dan. Jekk din il-forma ta' assessjar tiġi mħaddna fl-iskejjel, l-istudenti jkunu qed jingħatalhom dak li jkun jistħoqqilhom għall-iżvilupp edukattiv tagħhom. Jiena konvint li dan il-ktejjeb għandu jservi biex intom ukoll tifhmu aħjar kemm din il-forma ta' assessjar tagħmel ġid għall-edukazzjoni tat-tfal Maltin kollha.

Peter Vassallo
Assistant Direttur, Assessjar ta' l-Istudenti

# L-assessjar edukattiv

## Introduzzjoni

**Hawnhekk se ssib tagħrif li se jingħata f'dożi ċkejknin. Kollu għandu x'jaqsam ma' l-assessjar edukattiv, u huwa ta' interess għall-edukaturi kollha.**

**Għalliema** **Ġenituri**

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed insiru konxji kemm l-assessjar huwa meħtieġ fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Għal ħafna nies l-assessjar ifisser testijiet u eżamijiet li huma marbuta ma' ċertifikati li niġu tant bżonnhom meta napplikaw għal xi xogħol. Dan it-tip ta' assessjar huwa wieħed **summattiv**, jiġifieri li bih inkejlu kemm tgħallem l-istudent u kemm huwa kapaċi jirrispondi d-domandi li jsib fil-karta ta' l-eżami. Iżda noqogħdu attenti, u niftakru li l-eżamijiet mhumiex dejjem mera ċara ta' kemm wieħed huwa kapaċi f'xi suġġett partikolari. Huwa għalhekk li jeżisti l-assessjar li jagħmlu l-għalliema. Dan l-assessjar ikun joqrob lejn il-verità aktar mill-marka ta' l-eżami nnifsu. Qed ngħid dan minħabba l-fatt li l-għalliema jkunu jafu sewwa lill-istudenti tagħhom. Ikunu jafu fejn waslu u x'fadlilhom jitgħallmu. F'kelma oħra jkunu jafu x'livell qegħdin fih. Fil-fatt, id-Dipartiment tal-Kurrikulu fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jixtieq li kulħadd isir midħla sewwa ta' dawn il-livelli, magħrufa bħala *Level Descriptors*. Hemm tmien livelli f'kull suġġett. Sas-sitt sena fil-primarja t-tfal huma mistennija jilħqu r-raba' livell. It-tmien livell għandu jintlaħaq sa tmiem il-ħames sena tas-sekondarja. Imma nafu li mhux kulħadd huwa l-istess, u li kull individwu jitgħallem bil-pass u bil-metodu tiegħu. L-għaġla żejda tagħmel il-ħsara u mhux il-ġid. Għalhekk niġu għal tip ieħor ta' assessjar li għandna noħduh b'serjetà kbira u nagħtuh l-importanza li jistħoqqlu. Dan huwa l-**assessjar formattiv**.

Hawn min għandu idea żbaljata ħafna dwar x'inhu assessjar formattiv. Bosta minna jaħsbu li huwa assessjar kontinwu bbażat fuq marki ta' testijiet ta' kull xahar. Dan huwa fil-fatt assessjar kontinwu summattiv li qed jgħaddi ġudizzju dwar kemm tgħallmu l-istudenti. L-għan ewlieni ta' l-assessjar formattiv huwa differenti minn hekk. L-iskop tiegħu huwa li l-istudenti jimxu 'l quddiem u jagħmlu progress, anke jekk il-pass ikun wieħed ċkejken. L-assessjar formattiv huwa metodu ta' kif wieħed għandu

jgħallem, u huwa kkaratterizzat minn prattiċi li, skond ir-riċerka, jgħinu lit-tfal jitgħallmu aktar, jimxu 'l quddiem u għalhekk iġibu marki aħjar meta jagħmlu l-eżamijiet. Nistgħu ngħidu li l-involviment tat-tfal fit-tagħlim tagħhom stess huwa l-aktar ħaġa li tispikka fl-assessjar formattiv. Fil-prattika, dan l-involviment ifisser li t-tfal ikunu jafu l-għan jew l-iskop tal-lezzjoni, jiġifieri jafu b'mod ċar x'suppost qed jitgħallmu u fejn iridu jaslu. Waqt il-lezzjoni huma jipparteċipaw b'mod sħiħ billi jagħmlu mistoqsijiet lill-għalliema u lil xulxin, iwieġbu mistoqsijiet, jiddiskutu bejniethom, jikkritikaw lil xulxin u finalment jibdew jidraw jikkritikaw jew jassessjaw lilhom infushom. Din ta' l-aħħar issir possibbli jekk it-tfal ikunu jistgħu jevalwaw ix-xogħol tagħhom bi kriterji li huma jkunu jafu minn qabel. Dawn il-kriterji jeżistu f'kollox, u mhux biss fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Ngħidu aħna, x'jagħmel kwiżż fuq it-televixin wieħed interessanti li jiġbed lit-telespettaturi? Hemm ħafna ingredjenti li jgħinu. Issa fil-qasam edukattiv it-tfal ikunu jafu, per eżempju, liema huma l-ingredjenti (il-kriterji) li jrid ikollu komponiment biex jiġi meqjus bħala wieħed tajjeb. Dan kollu jgħin lit-tfal jakkwistaw il-ħila li tgħinhom jissoktaw jitgħallmu tul ħajjithom kollha, kompetenza meqjusa tant meħtieġa fil-ħajja tal-lum li qed tinbidel b'mod imgħaġġel u li allura titlob li dejjem nitgħallmu affarijiet ġodda.

Wieħed jirrealizza li l-assessjar edukattiv huwa suġġett vast ħafna.

Ix-xogħol li għandek f'idejk huwa maqsum fl-ewwel u fit-tieni parti.

Fl-ewwel parti se ssib tagħrif f'doża żgħar u mżewwaq bi stampi ħalli wieħed jagħti ċans lilu nnifsu jiffoka fuq aspett partikolari. Fit-tieni parti, imbagħad, hemm aktar tagħrif fuq il-karatteristiċi ta' assessjar formattiv. Għalhekk dan ix-xogħol huma ta' interess kemm għall-għalliema kif ukoll għall-ġenituri li għandhom ikunu jafu dwar metodi ta' assessjar li jintużaw fl-iskejjel tagħna.

**Leonard Grech** (*Principal Education Officer*)

L-ewwel parti

# L-assessjar edukattiv

## (1) X'inhu 'assessjar'?



Marija tinsab għand id-dentist.

"Għandek snienek b'saħħithom u nodfa. Prosit, Marija. Jidher li qed taħsel snienek sew. Biss, għandek darsa li għandha bżonn titnaddaf u timtela."

Id-dentist qed jagħmel 'assessjar'.

Tony qiegħed ma' Jason f'Ta' Qali.

"Qed issuq ir-rota tassew tajjeb, Jason. M'intix taqa', u fuq kollox qed issuq fid-dritt."

Tony qed jagħmel 'assessjar'.



**L-assessjar huwa forma ta' ġudizzju.**

# L-assessjar edukattiv

## (2) X'inhu l-assessjar edukattiv?






Il-kelma 'edukattiv' tixbah lill-kelma 'edukazzjoni'.

L-għalliema jkunu qed jagħmlu assessjar meta jikkoreġu x-xogħol tat-tfal, ngħidu aħna xi xogħol li jsir fid-dar jew fl-iskola, jew xogħol li jsir waqt xi test jew eżami.

Jagħmlu assessjar ukoll meta jiddiskutu mat-tfal jew jagħmlulhom mistoqsijiet.



**L-assessjar edukattiv għandu x'jaqsam mat-tagħlim u ma' l-iskola.**

# L-assessjar edukattiv

## (3) Assessjar summattiv







It-tliet orsijiet daqu l-poriġ u qalu, "Kemm hu tajjeb!"
Għaddew ġudizzju summattiv.

Anna daret fuq Marta u qaltilha, "Int ma tantx taf tinnittja. Ix-xogħol mhux ġej sabiħ."
Anna għaddiet ġudizzju summattiv.

Il-vet eżamina l-fenek u qal, "Dan marid."
Il-vet għadda ġudizzju summattiv.

**Assessjar summattiv isir meta tgħaddi ġudizzju bla ma tagħti l-ebda rimedju.**

# L-assessjar edukattiv

## (4) Użu ta' assessjar summattiv

Dorita għandha tmintax-il sena. Toħlom li jkollha karozza ħamra, bis-saqaf jinfetaħ. Qed tmur għal-lezzjonijiet biex imbagħad tagħmel it-test tas-sewqan ħalli tieħu l-liċenzja. It-test mhux ħafif. Kollox jiddependi minn x'tagħmel dak il-ħin. Huwa test li juri x'tgħallimt. M'hemmx x'tagħmel: jew tgħaddi jew teħel. Huwa assessjar summattiv.





Rapport lill-Ġenituri

L-Eżami Annwali Nazzjonali mfassal mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

*Kull suġġett hu minn mitt marka.*

| Suġġett | Marka ta' l-Eżami | Kummenti |
|---|---|---|
| Reliġjon | | |
| Malti | | |
| Ingliż | | |
| Matematika | | |
| Suġġetti Soċjali | | |

UNIVERSITY OF MALTA
MATSEC

Fl-iskola wkoll għandna assessjar summattiv. Ħu Dorita jismu Mario. Qiegħed fil-ħames klassi tal-primarja, u jittama li jmur tajjeb fl-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena.
Imbagħad hemm Aleks, ħu Mario, li qiegħed fil-ħames sena tas-sekondarja. Minbarra l-eżamijiet ta' l-iskola għandu wkoll dawk taċ-ĊES.

Dawn l-eżamijiet huma eżempji oħra ta' assessjar summattiv.

**Fl-iskola, l-assessjar summattiv isir ġeneralment fl-aħħar tas-sena skolastika jew fl-aħħar ta' xi kors. Dan l-assessjar juri kemm tgħallmu l-istudenti.**

# L-assessjar edukattiv

## (5) Assessjar ipsattiv



Assessjar ipsattiv huwa komuni fl-isports.

It-tfajla qed tipprova terfa' toqol ftit aktar milli kienet kapaċi terfa' x-xahar ta' qabel. Allura tista' tkun taf jekk hijiex tagħmel progress jew le.




Sa ftit ilu l-ġuvni kien qed jerfa' 10kg b'id waħda. Issa qed jerfa' 12.5kg. Mela għamel progress.

It-tfajla u l-ġuvni qed iqabblu l-kapaċità li għandhom illum, ma' dik li kellhom sa ftit żmien ilu.

Martin fetaħ il-pitazz tal-komponimenti tal-Malti.
Induna li kien jagħmel dawn l-iżbalji:
**kelp, ħija il-kbir, il-quddiem, għandi 11-il-sena**.
Illum m'għadux jagħmel żbalji bħal dawn. Jaf li għandu jikteb: **kelb, ħija l-kbir, 'il quddiem, għandi 11-il sena**.
Martin għamel progress u mexa pass 'il quddiem. Il-kitba tiegħu llum hija aħjar minn tal-bieraħ.



**Assessjar ipsattiv iseħħ meta tqabbel il-ħila preżenti ta' xi ħadd ma' dik ta' l-istess persuna kif kienet qabel.**

# L-assessjar edukattiv

## (6) Assessjar formattiv



L-omm qed turi lit-tfal tagħha kif jagħmlu torta. Arawhom kemm huma attenti. L-omm tassessja t-tfal kemm jafu. Tistaqsi, "Għala taħsbu li għamilna l-għaġina?" It-tfal jagħmlu sforz biex iwieġbu u għalhekk jitgħallmu.

It-tabib jeżamina lit-tifel. Qed jagħmel assessjar ta' saħħtu. Imma ma jiqafx hemm. L-għan tat-tabib hu li t-tifel jieħu saħħtu mill-ġdid. Għalhekk jagħtih il-mediċina u jgħidlu, "Ibqa' fis-sodda u ixrob ħafna likwidu."
L-assessjar tat-tabib huwa formattiv.







Il-kowċ jitrenja lill-plejers. Huwa l-ħin kollu jassessja kif jilagħbu. Fejn jara xi difett jgħidilhom kif jirranġawh. Kultant huma stess jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom. L-iskop dejjem hu li jilagħbu aħjar. Il-kowċ dejjem jagħmel assessjar formattiv.

L-għalliema qed tgħallem il-ġografija lit-tfal. Hija tiftiehem magħhom fuq liema pajjiż se jitgħallmu. Jiddeċiedu fuq il-Kanada. L-għalliema tagħtihom numru ta' mistoqsijiet u tgħidilhom jikkonsultaw il-globu. Tgħidilhom ukoll biex ifittxu fuq il-kompjuter ħalli jsiru jafu aktar.

**L-għan ta' assessjar formattiv huwa li t-tfal jitgħallmu u jimxu 'l quddiem.**

# L-assessjar edukattiv

## (7) L-użu formattiv ta' assessjar summattiv

Logħba futbol bejn żewġ timijiet taqa' taħt assessjar summattiv. Ir-riżultat jiddetermina min jitlef u min jirbaħ. Il-logħba tkun iffilmjata, u fil-jiem ta' wara, il-plejers flimkien mal-kowċ jarawha għal min jaf kemm-il darba. Huma jistudjaw kull mossa, tajba jew ħażina. L-għan tagħhom hu li jitgħallmu ħalli darb'oħra jilagħbu aħjar.






**Rapport lill-Ġenituri**

L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA MFASSAL MILL-ISKOLA

Isem ______________ Klassi ______

Skola Primarja ______________ Data ______

*Kull suġġett hu minn mitt marka.*

| Suġġett | Marka ta' l-Eżami | Kummenti |
|---|---|---|
| Reliġjon | | |
| Malti | | |
| Ingliż | | |
| Matematika | | |
| Suġġetti Soċjali | | |

**Kummenti Ġenerali**

| *Attendenza:* | *Imġieba* |
|---|---|
| Regulari | Tajba ħafna |
| Ifalli/Tfalli sikwit | Tajba |
| Falla/Falliet minħabba mard | Tista' tkun aħjar |

L-istess jiġri fil-klassi. It-tfal jagħmlu test, per eżempju ta' nofs is-sena. Dan huwa assessjar summattiv. Imma araw kif jista' jintuża għal skop formattiv. L-għalliema tagħti lura lit-tfal dak li kitbu. Jerġgħu jagħmlu t-test flimkien. Huma jindunaw fejn għamlu tajjeb u fejn għamlu ħażin. Dan mhux biżżejjed. Huma jagħmlu sforz ħalli fejn għamlu ħażin jerġgħu jaħdmuh, did-darba b'mod tajjeb. Hekk ikun sar il-progress. Dan huwa l-iskop ta' assessjar formattiv.




**L-assessjar summattiv ikun qed jintuża għal skop formattiv meta l-istudenti jagħrfu x'għamlu tajjeb u x'għamlu ħażin. It-tajjeb jitgħallmu jsaħħuh u l-ħażin jirranġawh. Dan isir bl-għajnuna ta' l-għalliema.**

# L-assessjar edukattiv

## (8) Sehem l-istudenti fl-assessjar formattiv




Miss Borg taf kemm it-tfal jieħdu pjaċir jagħmlu mappa ta' kunċett. 'Inżomm ruħi b'saħħti' huwa astratt fih innifsu, imma meta jitkisser kif inhu hawn fuq jibda jagħmel sens għat-tfal. Il-mappa ma tagħmilhiex l-għalliema weħidha. It-tfal stess jaħsbu u jiddiskutu ma' l-għalliema kif jistgħu jżommu ruħhom b'saħħithom. Għalhekk it-tfal qed jieħdu sehem bis-sħiħ fil-proċess tat-tagħlim. Barra minn hekk huma jafu fuqiex qed jitgħallmu, jiġifieri l-għan tal-lezzjoni huwa ċar f'moħħhom.

**Bl-assessjar formattiv it-tfal jafu fuqiex qed jitgħallmu u huma involuti sew fil-proċess tat-tagħlim.**

# L-assessjar edukattiv

## (9) L-assessjar formattiv u l-motivazzjoni



L-għalliem qassam fi gruppi differenti lit-tfal ċkejknin tal-klassi tiegħu. Huwa ppreżenta l-istampi lil kull grupp u lit-tfal qalilhom biex ipoġġu l-istampi wara xulxin skond kif ġrat l-istorja. Kemm ħadu pjaċir it-tfal, kemm irraġunaw u kemm iddiskutew bejniethom il-formazzjoni ta' l-istampi! Saħansitra kkritikaw lil xulxin kull meta ma bdewx jaqblu. B'dan il-mod tgħallmu mill-iżbalji ta' xulxin.

Lit-tfal irridu nimmotivawhom mhux biss bix-xogħol li nagħtuhom imma wkoll bil-mistoqsijiet li nagħmlulhom.

Rita ppreżentat din l-istampa lit-tifel tagħha Jason. Staqsietu, "Lil min kiteb dak it-tifel li qed jimposta l-ittra"? Jason beda jimmaġina u f'kemm trodd salib ħoloq storja sħiħa.
L-istess ġara meta l-omm ippreżentat lil binha bl-istampa tat-tifla tħabbat fuq il-bieb.





Jeħtieġ li bil-mistoqsijiet tagħna niċċalinġjaw lit-tfal. Hekk iħossuhom motivati. L-edukaturi stess jimtlew bl-entużjażmu, u mit-tweġibiet tat-tfal jindunaw kemm dawn qed jitgħallmu. Għaldaqstant huma jaddattaw it-tagħlim skond il-ħtieġa ta' l-istudenti tagħhom.

**L-implimentazzjoni ta' l-assessjar formattiv timmotiva lil dawk kollha involuti. L-għalliema jaddattaw it-tagħlim skond il-ħila tat-tfal. Għalhekk it-tagħlim isir aktar effettiv.**

# L-assessjar edukattiv

## (10) L-assessjar formattiv u l-kisba tal-ħiliet

It-tfal kienu waslu fis-sitt sena ta' l-iskola primarja. Is-sur Frendo qalilhom biex jaħdmu tlieta tlieta u jagħmlu lista li tgħinhom jagħrfu komponiment tajjeb minn wieħed anqas tajjeb. Il-ġimgħa ta' qabel l-għalliem kien talabhom jagħmlu xi ħaġa simili, dik id-darba kellhom jgħidulu x'jagħmel logħba volibol interessanti.

Fiż-żewġ okkażjonijiet l-għalliem qed iħarreġ lit-tfal jagħmlu **lista ta' kriterji**. B'listi bħal dawn it-tfal ikunu kapaċi jikkritikaw ix-xogħol ta' ħaddieħor kif ukoll tagħhom stess. Hekk ma jibqgħux jiddependu għal kollox fuq l-opinjoni ta' l-għalliem. Jidraw iħaddmu rashom għax ikunu akkwistaw il-ħiliet meħtieġa biex jagħmlu dan.



Imma l-edukatur jaf li l-akkwist tal-ħiliet jieħu ż-żmien. Jaf ukoll kemm huwa meħtieġ li t-tfal irabbu **l-fiduċja fihom infushom** ħalli dawn jibdew jemmnu bis-serjetà li huma kapaċi. Għalhekk xi kultant ipoġġi xi stampa quddiem it-tfal u jistaqsihom x'jidhrilhom minnha. Kull tweġiba tkun tajba. Dan jagħmel il-qalb lit-tfal, l-aktar dawk batuti. Huma jibdew jemmnu fihom infushom u hekk iżidu l-isforz biex jitgħallmu aktar.





Ħaġ'oħra li jagħmel is-sur Frendo hi li fl-aħħar tal-lezzjoni jistaqsihom, "X'tgħallimna llum?" B'dan il-mod qed iħeġġiġhom jirriflettu.

Dan kollu jifforma parti mill-assessjar formattiv.

**Bl-assessjar formattiv it-tfal ikabbru l-fiduċja fihom infushom, jidraw jużaw moħħhom u jikbru fil-ħiliet.**

## It-tieni parti

**Ingredjenti ta' assessjar formattiv**

# assessjar formattiv

- L-għalliema għandha tistaqsi l-mistoqsija: **X'irrid ngħallem?** X'qed nipprova ngħallem lill-istudenti? L-għan tiegħi huwa li nagħti tagħrif, li ngħin fit-tkabbir ta' xi ħila, jew li b'xi mod ninfluwenza l-attitudni ta' min qed jitgħallem? Fejn irrid nasal?

Eżempji ta' intenzjoni ta' tagħlim:

* It-tfal ikunu jafu l-ġrajjiet ewlenin ta' l-Assedju l-Kbir
* It-tfal jagħrfu l-karatteristiċi tal-Belt Valletta
* L-istudenti jkunu kapaċi jagħrfu numri bil-fard minn dawk biż-żewġ
* Ikunu kapaċi jkejlu sa l-eqreb ċentimetru u jirrikordjaw il-kejl
* Ikunu kapaċi jagħtu istruzzjonijiet

**Mela nżomm f'moħħi l-intenzjoni tat-tagħlim.**

- Li min jgħallem ikollu ċar f'moħħu x'qed jgħallem hija ħaġa tajba, imma dan mhux biżżejjed. **L-istudenti wkoll iridu jkunu konxji ta' x'qed jitgħallmu**. Hija prattika tajba ħafna dik ta' wieħed għalliem li f'xi ħin waqt il-lezzjoni jdur fuq xi student u jistaqsih, "X'qed titgħallem, Ġorġ?" U Ġorġ ikun pront iwieġeb,

* "Qed nitgħallem kif tgħaqqad sentenzi ma' xulxin."
* "Qed nitgħallem kif ngħaqqad in-numri minn ħdax sa dsatax ma' nomi."
* "Qed nitgħallem x'inhi kawża u x'inhu effett."
* "Qed nitgħallem nagħraf il-verbi li jispiċċaw b'apostrofu."
* "Qed nitgħallem nikteb ittra biex nitlob tagħrif."

**L-intenzjoni tat-tagħlim trid tkun ċara f'moħħ l-istudenti.**

•

Flimkien ma' l-istudenti l-għalliema trid toħloq **il-kriterji ta' suċċess**. Dawn il-kriterji huma marbuta ma' l-intenzjoni tat-tagħlim. Huma meħtieġa ħalli t-tfal ikunu jafu jekk irnexxilhomx jilħqu l-intenzjoni tat-tagħlim. Meta l-intenzjoni tkun mibnija fuq tagħrif, il-kriterji jkunu magħmula mill-punti ewlenin li jiffurmaw it-tagħrif.

Eżempju: L-intenzjoni tat-tagħlim: 'Nitgħallem fuq il-Belt Valletta'.

Kriterji ta' suċċess: * belt kapitali * stil arkitettoniku * toroq u swar * mużewijiet * ħwienet * knejjes * parlament * qorti

Noqogħdu attenti li ma nħalltux l-intenzjoni tat-tagħlim mal-kuntest. Eżempju:

L-intenzjoni tat-tagħlim hija: 'Nitgħallem nikteb istruzzjonijiet'. Din l-intenzjoni hija marbuta ma' ħila, u nista' ngħallimha f'kuntesti differenti, ngħidu aħna, istruzzjonijiet kif minn post tasal f'xi post ieħor.

Kriterji ta' suċċess:
- agħti l-istruzzjonijiet kif wieħed għandu jagħmilhom wara xulxin
- uża numri jew l-ewwel, it-tieni, eċċ
- ikteb fl-imperattiv (kmand)

**Il-kriterji ta'suċċess iridu jirriflettu l-intenzjoni tat-tagħlim.**

•

Bil-Malti ngħidu: **Il-mistoqsija oħt il-għerf**. Imma hemm mistoqsija u hemm mistoqsija. Hemm mistoqsijiet li għandhom tweġiba tajba waħda biss, per eżempju: Min kiteb l-Innu Malti? Jew tafha jew ma tafhiex. Ma tantx hemm lok għall-ħsieb jew tħabbil il-moħħ. M'għandniex nieqfu fuq mistoqsijiet bħal dawn li jħajru lit-tfal jistudjaw bl-amment. Nidraw nużaw mistoqsijiet li għandhom aktar minn tweġiba waħda tajba, bħal:

- Liema żewġ numri jagħmlu 29 meta tgħoddhom flimkien?
- Liema verbi nistgħu nużaw biex nuru kif tifla tista' tasal minn tarf ta' kuritur għal ieħor? (eżempju: timxi, tiġri)
- X'iġib it-tniġġis ta' l-arja?

* Tagħtix inqas minn ħames sekondi biex it-tfal jaħsbu fuq it-tweġiba.
* Kultant ħajjarhom jiddiskutu t-tweġiba tnejn tnejn jew fi grupp.
* Kultant agħtihom tweġibiet differenti u jagħżlu l-aħjar/it-tajba.
* Isma' aktar minn tweġiba waħda u staqsi lit-tfal x'jaħsbu.
* Ikteb fil-qosor it-tweġibiet tat-tfal u ddiskuti magħhom.
* Involvi lit-tfal kollha. Biex tħajjar tfal li jistħu, agħmlilhom mistoqsijiet bħal: Liema huwa l-kulur favorit tiegħek? Għaliex?

**Bil-mistoqsijiet tinvolvi lit-tfal, timmotivahom u tiċċalinġjahom.**

Samwel għadda l-kumment li fil-frażi ***erbatax-il wirdiena*** hemm żball għax is-sing ma kienx f'postu. "Fejn għandu jiġi?" staqsa s-sur Borg. Samwel kien pront wieġeb li s-sing irid jiġi bejn ***Il*** u ***wirdiena***. Samwel kien żbaljat. L-għalliem staqsa lit-tfal l-oħra x'jaħsbu u malajr intebaħ li kien hemm żewġ studenti oħra li ma kinux fehmu xi ħaġa importanti. **Mill-kummenti u mill-mistoqsijiet tat-tfal l-għalliema jindunaw kemm dawn fehmu u x'inhuma d-diffikultajiet tagħhom**. Għalhekk l-għalliema jkunu f'qagħda li joħolqu metodi u strateġiji ġodda ta' tagħlim ħalli jifhem kulħadd.

Samwel u ż-żewġ studenti l-oħra baqgħu ftit lura fit-tagħlim tal-Malti għax ommijiethom mhumiex Maltin. Għalhekk is-sur Borg iħejji eżerċizzji speċjali għalihom ħalli jsaħħaħhom fejn huma batuti.

Fil-klassi l-għalliema ma jagħtux xi lekċer, imma joqogħdu attenti li jinvolvu kemm jista' jkun lill-istudenti. Għalliem ikun jaf fejn waslu l-istudenti tiegħu ħalli jkun ċert li qed jibni fuq is-sod. Hekk tagħmel Miss Vassallo. Qabel ma tiskopri magħhom x'wassal biex f'Malta faqqgħu l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, hija trid tkun ċerta li t-tfal jafu x'inhuma ***rvellijiet*** u kunċetti oħra li żgur jissemmew meta jsir dan it-topik. Trid tkun ċerta wkoll li t-tfal għandhom il-ħila jagħrfu x'inhuma kawżi u effetti, similaritajiet u differenzi, kif ukoll il-ħila li jempatizzaw man-nies ta' dak iż-żmien. Miss Vassallo ssir taf dan bil-***feedback*** **li tieħu mingħand it-tfal**.

Xi ħaġa meħtieġa ħafna wkoll hija l-*feedback* li l-għalliema jagħtu lill-istudenti tagħhom. It-tfal żgħar jingħataw *feedback* aktarx orali. Dawk akbar jingħataw ukoll *feedback* bil-miktub. Bosta drabi dan isir meta l-għalliema jikkoreġu xi xogħol tad-dar jew tal-klassi. B'dawn il-kummenti l-għalliema jgħinu lill-istudent jimxi 'l quddiem.

Imma kultant ma jiġrix hekk għax il-kummenti ma jwasslux għar-riżultat mixtieq. Dan jiġri meta l-kummenti jkunu vagi bħal 'tajjeb', 'nistenna xogħol aħjar', 'għandek bżonn toqgħod attent aktar', eċċ. Araw x'differenza dawn il-kummenti: 'hawn tista' ddaħħal il-qawl ***il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa'***, 'iddeskrivi wiċċ il-monstru ħalli l-effett ikun akbar', eċċ. Fil-kummenti tagħhom l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom l-intenzjoni tat-tagħlim. Jekk qed ngħallimhom jiktbu riklam, mela fil-kummenti tiegħi nikkonċentra fuq hekk u mhux nintilef fuq ħwejjeġ oħra. L-istorja ma tiqafx mal-kummenti. L-istudent irid jagħmel sforz biex jirranġa x-xogħol skond il-kummenti ta' l-għalliema. Tajjeb ngħidu li kummenti f'posthom jagħmlu ħafna aktar ġid minn marki. Il-marki m'għandhomx posthom fl-assessjar formattiv.



L-għan tal-*feedback* huwa li b'mod prattiku ngħinu lit-tfal jimxu 'l quddiem.

Miss Debattista qassmet lit-tfal tal-klassi fi **gruppi** u qaltilhom biex (a) iħabblu moħħhom u jniżżlu dak kollu li jafu fuq il-burka u (b) iħejju diskors ta' tliet minuti fuq dan is-suġġett. L-għada, wieħed mill-gruppi, li jittella' bix-xorti, kellu jagħmel il-preżentazzjoni quddiem it-tfal tal-klassi. Il-preżentazzjoni tkun evalwata skond dawn il-kriterji:



* il-kontenut
* it-tul tal-preżentazzjoni
* l-użu tal-kliem
* l-użu tal-leħen

Esperjenzi bħal dawn jagħmlu ħafna ġid. Fost affarijiet oħra t-tfal (1) jitgħallmu minn xulxin (2) jidraw jaħdmu bħala tim (3) tikber il-kolleġġjalità bejniethom (4) jitgħallmu jikkritikaw (5) jidraw ikunu onesti u ġusti fil-kritika li jagħmlu (6) irabbu l-kunfidenza fihom infushom.

Biex tassessja jrid ikollok il-kriterji.

Meta tassessja x-xogħol ta' ħaddieħor (kitba, diskors, tpinġija, eċċ) tkun qed tikber fil-ħila li tassessja x-xogħol tiegħek innifsek.

Marija hija waħda mit-tfal fil-klassi ta' Miss Debattista. Flimkien ma' sħabha hija ppreparat preżentazzjoni fuq il-burka, imma l-grupp tagħha ma telax bix-xorti. Tela' l-grupp ta' Martin u sħabu. Wara l-preżentazzjoni Marija rriflettiet fuq ix-xogħol tagħha u ta' sħabha. Qalet bejnha u bejn ruħha, "Il-preżentazzjoni tagħna tieħu aktar minn tliet minuti … u lanqas għandna tagħrif biżżejjed dwar f'liema pajjiżi tintlibes il-burka… jien inkun tajba ħafna biex nagħmel il-preżentazzjoni … leħni tajjeb, sod u jwassal … x'differenza mis-sena l-oħra! … insomma, kultant għadni nistħi u ngħaddas rasi fil-karta … Afganistan ktibnieha b'mod żbaljat … stajna sibna xi stampa ta' burka minn fuq l-internet … lanqas naf jekk hemmx xi drapp speċjali li jagħmluha minnu … u dawn il-punti li ktibt kemm mhumiex ċari … mn'alla ma telax il-grupp tagħna … darb'oħra nagħmel *folder* żgħir u pulit …"
Marija qed tirrifletti u **tassessja lilha nnifisha**, u kien hemm ħin meta qabblet lilha nnifisha llum ma' kif kienet is-sena ta' qabel (assessjar ipsattiv).

Meta tassessja x-xogħol tiegħek innifsek tkun f'qagħda li ssaħħaħ dak li taf u li tirranġa d-difetti. Għalhekk tagħmel progress.

Il-**pjan tal-lezzjoni** kien ċar f'moħħ is-sur Bezzina. Kien ħaseb għall-introduzzjoni u kien jaf kif se jiżviluppa s-suġġett li kien għażel, jiġifieri, 'L-Għajnuna'. Xtaq li l-istudenti jaraw dan il-kunċett minn aspetti differenti u minn livelli differenti – il-vantaġġi ta' l-għajnuna, għajnuna bejn individwi, bejn pajjiżi … eċċ. Iva, xtaq li xi ħadd mill-istudenti jsemmi l-għajnuna lejn l-immigranti irregolari, kwistjoni taħraq!! Ħejja xi mistoqsijiet ħalli jkunu ta' spunt għad-diskussjoni. Imbagħad **il-konklużjoni tal-lezzjoni**. F'dik ukoll jinvolvi lit-tfal ħalli huma stess isemmu l-punti ewlenin. Wara dan, is-sur Bezzina beda jaħseb dwar xi xogħol għall-klassi. Xtaq kieku jagħżel xi ħaġa mhux tas-soltu, u ħaseb li jagħmel użu minn **mappa ta' kunċett**.
Is-sur Bezzina ġieli għamel użu minn mappa ta' kunċett bħala introduzzjoni. Drabi oħra l-lezzjoni fiha nfisha kienet tikkonsisti fil-binja tal-mappa stess. Ġieli użaha bħala konklużjoni.
Il-lezzjoni kif ippjanata marret tajjeb ħafna. Sitt minuti qabel it-tmiem, is-sur Bezzina qal lit-tfal, "Allura x'tgħallimna llum?" Viktor ħareġ minn postu u beda jniżżel il-punti ewlenin li jissemmew. Din kienet prattika normali u kulħadd kien midħla tagħha. Wara ftit minuti s-sur Bezzina qalilhom biex jaħdmu tnejn tnejn u joħolqu l-mappa. Viktor u Anton bdew minnufih għax din kienet biċċa xogħol tassew għal qalbhom.




**Il-mappa ta' kunċett hija effettiva ħafna. Turi b'mod viżwali t-tifsira ta' kunċett.**

**L-għeluq tal-lezzjoni huwa meħtieġ ħafna. Jissemmew il-punti ewlenin li jkunu marbuta ma' l-intenzjoni tal-lezzjoni.**

# Konklużjoni

**Nittama li b'mod dirett jew kultant b'mod indirett dan ix-xogħol serva biex jgħinek taħseb ftit aktar mis-soltu dwar:**

- **l-assessjar**
- **forom differenti ta' assessjar edukattiv**
- **l-ingredjenti ta' assessjar formattiv.**







________________ tmiem ________________